



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



10306/09 (Presse 155)

(OR. en)

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

L-2945 laqgħa tal-Kunsill

Kompetittività (Suq Intern, Industrija u Riċerka)

Brussell, 28-29 ta' Mejju 2009

President

Is-Sur Vladimír Tošovský

Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ tar-Repubblika Ċeka

Is-Sinjura Miroslava Kopicová

Ministru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Isport tar-Repubblika Ċeka

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

10306/09 (Presse 155)

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill għamel dibattitu dwar approċċ integrat għal **linja ta' politika industrijali kompetittiva u sostenibbli fl-UE.***

*Il-Kunsill eżamina l-progress fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva **Small Business Act for Europe**, wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni.*

*Il-Ministri għall-kompetittività ddiskutew ukoll dwar in-negozjati dejjem għaddejjin bil-għan tal-istabbiliment ta' **privattiva Komunitarja** u ta' sistema unifikata ta' litigazzjoni dwar il-privattivi.*

*Il-Kunsill adotta Riżoluzzjoni dwar **Politika Spazjali Ewropea**, approvata mill-Kunsill "Spazju" fis-Sitt laqgħa tiegħu.*

*Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar abbozz ta' regolament li jistabbilixxi qafas legali applikabbli għal **Konsorzju Ewropew għal Infrastruttura ta' Riċerka (ERIC).***

Huwa adotta wkoll konklużjonijiet dwar:

- *l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt għall-Programmi Qafas ta' Riċerka Ewropej;*
- *l-infrastrutturi ta' riċerka u d-dimensjoni reġjonali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka;*
- *l-ewwel passi lejn it-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (Vision 2020).*

WERREJ¹**PARTEĊIPANTI 5****PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**

POLITIKA INDUSTRIJALI: APPROĊĊ INTEGRAT SOSTENIBBLI – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	7
"SMALL BUSINESS ACT" GĦALL-EWROPA	7
REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	9
PROPRJETÀ INTELLETTWALI: TISĦIĦ TAS-SISTEMA DWAR IL-PRIVATTIVI FL-EWROPA	9
POLITIKA SPAZJALI EWROPEA: IS-SITT "KUNSILL SPAZJU"	11
INFRASTRUTTURI EWROPEJ TAR-RIĊERKA	19
EVALWAZZJONI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-PROGRAMMI QAFAS EWROPEJ TAR-RIĊERKA – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	20
INFRASTRUTTURI TAR-RIĊERKA U D-DIMENSJONI REĠJONALI TAL-ISPAZJU EWROPEW TAR-RIĊERKA – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	20
L-EWWEL PASSI LEJN IR-REALIZZAZZJONI TAL-VIŻJONI 2020 TAL-ISPAZJU EWROPEW TAR-RIĊERKA - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	23
AFFARIJET OĦRAJN	24

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*RELAZZJONIJIET ESTERNI*

– Sitwazzjoni fiż-Żimbabwe - ittra lis-Segretarju Ġenerali tal-Grupp ta' Stati tal-AKP	28
--	----

AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Awditur estern tal-bank ċentrali nazzjonali tal-Olanda	28
--	----

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

SAJD

- Applikazzjoni proviżorja tal-ftehim mal-Ginea dwar is-sajd28
- Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali29
- Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tat-Tramuntana tal-Atlantiku29

AGRIKOLTURA

- Sfruttament u tqegħid fis-suq ta' ilmiġiet minerali naturali29

TRASPORT

- Konvenzjoni tad-Dwana dwar it-trasport internazzjonali ta' merkanzija30
- Awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali*30
- Proċedura regolatorja bi skrutinju -Atti leġislattivi f'kodeċizzjoni*30

PARTEĊIPANTI

Il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea kienu rappreżentati kif ġej:

Belġju:

Is-Sur Vincent VAN QUICKENBORNE
Is-Sinjura Sabine LARUELLE

Ministru tal-Intrapriżi u s-Simplifikazzjoni
Ministru tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, il-Ħaddiema għal Rashom, l-Agricoltura u l-Politika Xjentifika

Bulgarija:

Is-Sinjura Nina RADEVA

Viċi Ministru tal-Ekonomija u l-Enerġija

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Vladimír TOŠOVSKÝ
Is-Sinjura Miroslava KOPICOVÁ
Is-Sur Martin TLAPA
Is-Sur Erik GEUSS

Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ
Ministru tal-Edukazzjoni
Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ

Danimarka:

Is-Sinjura Lene ESPERSEN
Is-Sinjura Helge SANDER
Is-Sur Uffe Toudal PEDERSEN

Ministru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Industrija
Ministru tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Iżvilupp
Segretarju tal-Istat, Ministru tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni

Ġermanja:

Is-Sur Lutz DIWELL
Is-Sur Frieder MEYER-KRAHMER

Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Ġustizzja
Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka
Segretarju tal-Istat Parlamentari għall-Ministru Federali tal-Affarijiet Ekonomiċi u t-Teknoloġija

Is-Sur Peter HINTZE

Estonja:

Is-Sur Gert ANTUS

Viċi Rappreżentant Permanenti

Irlanda:

Is-Sinjura Mary COUGHLAN

Viċi Prim Ministru (Tánaiste) u Ministru tal-Intrapriżi, il-Kummerċ u l-Impjiegi

Greċja:

Is-Sur Konstantinos MARKOPOULOS
Is-Sur Ioannis BOUGAS

Ministru tal-Iżvilupp Turistiku
Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp

Spanja:

Is-Sinjura Cristina GARMENDIA MENDIZÁBAL
Is-Sinjura Teresa SANTERO QUINTILLÁ

Ministru tax-Xjenza u l-Innovazzjoni
Segretarju Ġenerali tal-Industrija

Franza:

Is-Sur Hervé NOVELLI

Segretarju tal-Istat responsabbli għall-Kummerċ, l-Artiġjanat, l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, it-Turiżmu u s-Servizzi
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur Philippe LEGLISE-COSTA

Italja:

Is-Sinjura Maria Stella GELMINI

Ministru tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka

Ċipru:

Is-Sur Efsthios HAMBOULLAS

Direttur Ġenerali, Ministeru tal-Kummerċ

Latvja:

Is-Sur Artis KAMPARS

Ministru tal-Ekonomija

Litwanja:

Is-Sur Dainius KREIVYS

Ministru tal-Ekonomija

Lussemburgu:

Is-Sur Jeannot KRECKÉ

Ministru tal-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani, Ministru tal-Isport
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sinjura Michèle EISENBARTH

Ungerija:

Is-Sur István VARGA
Is-Sur Zoltán MESTER

Ministru tal-Iżvilupp Nazzjonali u l-Affarijiet Ekonomiċi
Segretarju tal-Istat (b'responsabbiltà speċjali), Ministeru
tal-Iżvilupp Nazzjonali u l-Affarijiet Ekonomiċi

Malta:

Is-Sinjura Theresa CUTAJAR

Viċi Rappreżentant Permanenti

Olanda:

Is-Sinjura Maria VAN DER HOEVEN

Ministru tal-Ekonomija

Awstrija:

Is-Sur Reinhold MITTERLEHNER

Ministru Federali tal-Affarijiet Ekonomiċi, il-Familja u ż-
Żgħażaġħ

Polonja:

Is-Sur Marcin KOROLEC
Is-Sinjura Grażyna HENCLEWSKA
Is-Sur Jerzy DUSZYŃSKI

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tax-Xjenza u l-
Edukazzjoni Ogħla

Portugall:

Is-Sur José MARIANO GAGO
Is-Sur António CASTRO GUERRA

Ministru tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Edukazzjoni Ogħla
Segretarju tal-Istat għall-Industrija u l-Innovazzjoni fil-
Ministeru tal-Ekonomija u l-Innovazzjoni

Rumanija:

Is-Sur Vasile PUSCAS
Is-Sur Gerard JITAREANU

Ministru, Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi
President tal-Awtorità Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika

Slovenja:

Is-Sur Matej LAHOVNIK

Ministru tal-Ekonomija

Slovakkja:

Is-Sur Ivan RYBÁRIK
Is-Sur Jozef HABÁNIK

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Ekonomija
Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Edukazzjoni

Finlandja:

Is-Sinjura Katariina POSKIPARTA

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Impjiegi u l-
Ekonomija

Svezja:

Is-Sinjura Maud OLOFSSON
Is-Sur Lars LEIJONBORG
Is-Sinjura Ewa BJÖRLING

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intrapriża u l-Enerġija
Ministru tal-Edukazzjoni Ogħla u r-Riċerka
Ministru tal-Kummerċ

Renju Unit:

Is-Sur Gareth THOMAS

Ministru tal-Istat għall-Kummerċ, l-Investment u l-
Affarijiet tal-Konsumatur
Ministru tal-Istat għall-Edukazzjoni Għolja u l-Proprijetà
Intelletwali

Is-Sur David LAMMY

Kummissioni:

Is-Sur Günter VERHEUGEN
Is-Sur Janez POTOČNIK
Is-Sur Charlie MCREEVY

Viċi President
Membru
Membru

Parteċipanti oħra:

Is-Sur Philippe MAYSTADT

President tal-Bank Ewropew tal-Investment

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

POLITIKA INDUSTRIJALI: APPROĊĊ INTEGRAT SOSTENIBBLI – *Konklużjonijiet tal-Kunsill*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' politika dwar il-politika industrijali fil-kuntest tas-sitwazzjoni ekonomika attwali u adotta l-konklużjonijiet imniżżla fi [10082/09](#).

"SMALL BUSINESS ACT" GĦALL-EWROPA

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' politika dwar l-inizjattiva "Small Business Act" (SBA) għall-Ewropa, wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar progress fl-implimentazzjoni tagħha ([10283/09](#)).

Id-dibattitu sar abbażi tal-mistoqsijiet ippreżentati mill-Presidenza ([9645/09](#)) u kkonċentra fuq il-miżuri speċifiċi tal-pjan ta' azzjoni tal-SBA mmirat lejn li tintgħeleb il-kriżi ekonomika permezz ta' għajjnuna lil intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs) fit-tliet oqsma ta' prijetà identifikati bħala essenzjali sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tagħhom: it-titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, ambjent regolatorju li jappoġġa l-ħtiġijiet tal-SMEs u t-tisħiħ tal-aċċess għas-suq għall-SMEs.

L-eżitu tad-dibattitu pprovda gwida għall-implimentazzjoni kontinwata tal-inizjattivi differenti li tal-pakkett SBA.

Il-Kunsill ħa nota wkoll ta' rapport ta' progress tal-Presidenza ([9658/09](#)) dwar il-proċess kurrenti għall-ħolqien ta' statut ta' kumpannija privata Ewropea, li huwa wieħed mill-elementi ewlenin tas-SBA. Dan l-istrument Komunitarju futur jipprova jsaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs billi jiffaċilita l-operazzjonijiet tagħhom fis-suq uniku u jipprova reġim flessibbli tal-liġi tal-kumpanniji fl-UE u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-konformità fl-istabbiliment u t-tħaddim tal-SMEs.

Diċembru li għadda, il-Kunsill adotta sett ta' konklużjonijiet dwar is-SBA li jenfassizaw ir-rwol fundamentali tal-SMEs fil-kontribut għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa u l-ħtieġa tal-isfruttament sħiħ tal-potenzjal tal-SMEs f'termini ta' produttività u innovazzjoni ([16788/08](#)).

Il-Kunsill fassal ukoll pjan ta' azzjoni ("Biex l-intenzjonijiet jissarrfu f'azzjonijiet"), għall-implimentazzjoni tas-SBA fi tliet oqsma ta' prijetà. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir - Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa" kienet ippreżentata f'Ġunju 2008 u tistabbilixxi għaxar prinċipji u 92 miżura assoċjati, flimkien ma' ħames proposti leġislattivi li diġà huma adottati jew taħt eżami ([11262/08](#)).

Aktar informazzjoni dwar is-SBA tinsab fi:

http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/sba_en.htm

REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR – Konkluzionijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill kellu diskussjoni dwar il-modi kif tkun promossa aktar l-istrateġija dwar Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea u adotta l-konkluzionijiet inniżżla fi [9663/09](#).

PROPRJETÀ INTELLETTWALI: TISĦIĦ TAS-SISTEMA DWAR IL-PRIVATTIVI FL-EWROPA

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar in-negozjati li għaddejjin bil-għan tal-istabbiliment ta' privattiva Komunitarja u ta' sistema unifikata ta' litigazzjoni dwar il-privattivi ([9549/09](#)).

Wara l-mandat mogħti mill-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 2008 ([16577/08](#), *paġna 12*), u abbażi tal-ħidma ta' Presidenzi preċedenti, il-Presidenza Ċeka kompliet teżamina l-abbozz ta' regolament dwar privattiva Komunitarja u l-abbozz ta' Ftehim għall-ħolqien ta' sistema unifikata ta' litigazzjoni dwar il-privattivi.

Fir-rigward tal-privattiva Komunitarja, fl-ewwel nofs tal-2009 id-diskussjonijiet fil-korpi preparatorji tal-Kunsill ikkonċentraw fuq arranġamenti għal kooperazzjoni possibbli bejn l-uffiċċji tal-privattivi fl-Ewropa, abbażi ta' sħubiji msaħħa, u fuq il-benefiċċji ekonomiċi ta' privattiva Komunitarja abbażi ta' studju espert li jenfasizza l-potenzjal ta' privattiva Komunitarja futura biex titrawwm l-innovazzjoni, b'mod partikolari mill-SMEs u l-universitajiet.

Fir-rigward tas-sistema unifikata ta' litigazzjoni dwar il-privattivi, id-diskussjonijiet iffokaw fuq abbozz ta' Ftehim u fuq abbozz ta' statut għall-qorti futura. Id-delegazzjonijiet tal-UE għamlu progress fil-fehim kif is-sistema prevista tal-qorti taħdem. L-oqsma importanti indirizzati u żviluppati ulterjorment jinkludu: il-kompożizzjoni tal-awli ġurisdizzjonali, l-implimentazzjoni u l-operat tal-Ftehim previst, ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠE) fl-interpretazzjoni tal-liġi Komunitarja u l-arranġamenti transizzjonali. L-analiżi tal-aspetti ekonomiċi twettqet abbażi ta' studju espert li enfasisza l-benefiċċji kost-effettivi għan-negozji b'sistema unifikata ta' litigazzjoni dwar il-privattivi.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill laħaq qbil fi prinċipju biex jitlob lill-QĠE għal opinjoni dwar jekk il-Ftehim previst, li se jkun konkluż bejn il-Komunità, l-Istati Membri tagħha u partijiet kontraenti oħra għall-Konvenzjoni dwar il-Privattiva Ewropea¹, huwiex kompatibbli mat-Trattat KE.

¹ <http://www.epo.org/patents/law/legal-texts/html/epc/1973/e/ma1.html>

B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2006 u tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007, f'April 2007 l-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni intitolata " Insaħħu s-sistema tal-privattivi fl-Ewropa ([8302/07](#)) .

Rapporti ta' progress kienu ppreżentati lill-Kunsill f'Novembru 2007([15162/07](#)), f'Mejju 2008 ([9473/08](#)) u f'Diċembru 2008 ([16006/08](#)).

* * *

Waqf ikla ta' ħidma, il-Ministri għall-kompetittività għamlu valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika attwali fir-rigward tal-miżuri ta' rilanċ nazzjonali rilevanti u l-prijoritajiet għall-perijodu fit-tul taħt l-istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi.

POLITIKA SPAZJALI EWROPEA: IS-SITT "KUNSILL SPAZJU"

Il-laqgħa tas-Sitt "Kunsill Spazju" bejn il-Ministri tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-politika dwar l-ispazju u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) saret fid-29 ta' Mejju fil-marġini tal-Kunsill Kompetittività¹.

Il-Ministri tal-UE u tal-ESA kellhom dibattitu dwar "l-ispazju u l-innovazzjoni", u ffokaw fuq tliet elementi li huma interkonnessi:

- L-integrazzjoni progressiva tas-settur tal-ispazju fil-linji politiċi Ewropej sabiex jittieħed vantaġġ tal-potenzjal tagħhom għall-applikazzjoni ta' mudelli innovattivi u sabiex ikun iġġenerat tkabbir ekonomiku permezz tat-teknoloġija fi prodotti u servizzi.
- L-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-programm tal-GMES (Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà²). Il-Kummissjoni u l-ESA għamlu preżentazzjonijiet dwar operazzjonijiet inizjali u perspettivi futuri tal-programm tal-GMES.
- Il-kontribut tal-ispazju għall-innovazzjoni u l-kompetittività fil-kuntest tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku.

¹ Il-bażi legali għall-"Kunsill Spazju" huwa l-ftehim qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-ESA li daħal fis-seħħ f'Mejju 2004. Il-ftehim joffri bażi komuni għall-iżvilupp progressiv u konġunt ta' politika Ewropea koerenti dwar l-ispazju. Huwa jistabbilixxi li ser issir laqgħa regolari konġunta u konkomitanti bejn il-Kunsill tal-UE u l-Kunsill tal-ESA fuq livell ministerjali, magħruf bħala il-"Kunsill Spazju", sabiex ikunu kkoordinati u ffaċilitati l-attivitajiet kooperattivi.

Il-"Kunsill Spazju" jista' jadotta biss linjigwida li huma approvati permezz ta' kunsens qabel ma jkunu adottati formalment miż-żewġ organizzazzjonijiet, skont ir-regoli legali tagħhom stess.

² <http://www.gmes.info/>

Fil-konklużjoni tad-dibattitu, il-Kunsill adotta r-Risoluzzjoni li ġejja:

"IL-'KUNSILL SPAZJU"

WAQT LI JENFASIZZA l-orjentazzjonijiet u r-risoluzzjonijiet adottati waqt laqgħat fil-passat tal-'Kunsill Spazju', b'mod partikolari r-Risoluzzjoni dwar il-Politika Ewropea għall-Ispazju tat-22 ta' Mejju 2007¹ li tistabbilixxi qafas politiku għall-ispazju fl-Ewropa, u r-Risoluzzjoni "Jitwettaq Progress fil-Politika Ewropea għall-Ispazju" tas-26 ta' Settembru 2008² li tistabbilixxi oqsma ta' prijetà għodda għal aktar implimentazzjoni u żvilupp tal-Politika Ewropea għall-Ispazju, ir-riżultati tal-Kunsill ESA fil-livell ministerjali tal-25-26 ta' Novembru 2008, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività tal-UE "Lejn Programm tal-GMES" tat-2 ta' Diċembru 2008³;

WAQT LI JIRRIKONNOXXI l-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-Risoluzzjonijiet, b'mod partikolari fil-qafas tad-Djalogu Strutturat, il-koordinazzjoni akbar tal-attivitajiet tal-ispazju, is-sigurtà u l-attivitajiet relatati mad-difiża bejn atturi prinċipali tal-Politika Ewropea għall-Ispazju, inkluża l-identifikazzjoni tat-teknoloġiji tal-ispazju kritiċi għan-nondipendenza Ewropea; l-aċċettazzjoni tas-Sistema Multinazzjonali ta' Immaġni meħudin mill-Ispazju (MUSIS) bħala programm ta' kategorija B ad hoc tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA); u, dwar l-Għarfien tas-Sitwazzjoni tal-Ispazju (SSA), l-adozzjoni tal-Programm Preparatorju tal-ESA, waqt li jfakkar li l-UE ser tiegħu rwol attiv, flimkien mal-ESA u l-istati Membri tagħhom, biex progressivament tiġi stabbilita kapaċità Ewropea għall-SSA u struttura ta' governanza adatta;

WAQT LI JENFASIZZA l-potenzjal tal-ispazju li jagħmel impatt fuq l-innovazzjoni fl-ekonomija, kif ukoll fuq ir-rilanċ ekonomiku, u l-ħtieġa għal aktar orjentazzjonijiet għall-Kummissjoni u l-ESA, b'mod partikolari, fuq il-progress fil-perijodu qasir u fit-tul tal-inizjattiva Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-sigurtà (GMES):

I) Dwar il-kontribut tal-ispazju għall-innovazzjoni u l-kompetittività fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Innovazzjoni u l-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku

JENFASIZZA l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-11-12 ta' Diċembru 2008, b'mod partikolari l-appoġġ tiegħu għall-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (EERP) u l-appell tiegħu għat-tnedija tal-Pjan Ewropew għall-Innovazzjoni, li għandu jinkludi wkoll teknoloġija u servizzi tal-ispazju li jgħorġu minnu, bħala waħda mit-teknoloġiji prinċipali tal-futur⁴;

¹ 10037/07

² 13569/08

³ 16722/08

⁴ 17271/08 - punt 18, paġna 8

JIKKUNSIDRA li, bil-ħsieb tal-kontribut rikonoxxut tal-ispazju għall-potenzjal ġenerali tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-ekonomija Ewropea, l-attivitajiet tal-ispazju u l-applikazzjonijiet tagħhom għandhom jirċievu konsiderazzjoni sħiħa fl-użu tal-fondi allokatu għar-rilanz ekonomiku;

JENFASIZZA l-ħtieġa ta' mobilizzazzjoni ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għall-innovazzjoni eżistenti fil-livell Ewropew, reġjonali u nazzjonali, u jikkunsidra strumenti ta' appoġġ ġodda biex tiġi żgurata l-influwenza reċiproka tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-ideat bejn setturi tal-ispazju u oħrajn mhumieq, u bejn l-industrija tal-ispazju u organizzazzjonijiet u universitajiet ta' riċerka ewlenin;

JENFASIZZA l-ħtieġa li:

- jiġi identifikati miżuri li jgħawwu l-innovazzjoni għas-settur tal-ispazju fil-qafas tal-Pjan Ewropew għall-Innovazzjoni u f'koordinazzjoni, kif adatt, ma' pjani nazzjonali;
- tkun inkoraġġita preżenza aktar prominenti tal-industrija tal-ispazju Ewropea f'raggruppamenti u networks innovattivi transsettorjali;
- jiddefinixxi kondizzjonijiet adegwati għall-iżvilupp ta' servizzi downstream ibbażati fuq EGNOS, Galileo u GMES, waqt li jieħu benefiċċju sħiħ ta' approċċ integrat li jgħaqqad in-navigazzjoni bis-satellita, il-komunikazzjonijiet u t-teknoloġiji tal-osservazzjoni tad-Dinja ma' assi bbażati fuq l-art;
- tiġi kkunsidrata l-inklużjoni ta' applikazzjonijiet tal-Ispazju f'għażla ulterjuri ta' swieq prinċipali ġodda taħt l-Inizjattiva tas-Suq Ewlieni għall-Ewropa tal-Kommissjoni, fid-dawl tar-reviżjoni ta' dik l-inizjattiva¹; u
- l-analiżi u l-kejl tal-impatt innovattiv ta' teknoloġiji tal-ispazju fuq setturi ekonomiċi oħrajn fi sforz biex ikun provdut dħul analitiku solidu għat-tnejjja ta' programmi Ewropej futuri;

¹ 5121/08

Ikompili JISSOTTOLINJA l-potenzjal tal-ispazju għall-iżvilupp ta' teknoloġiji li jiffaċilitaw, u l-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku fl-Ewropa. B'mod partikolari:

- JENFASIZZA l-potenzjal tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni bis-satellita biex jitwassal il-broadband liċ-ċittadini u l-intrapriżi Ewropej, waqt li jkun żgurat aċċess aħjar għall-ICT moderni b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti¹, fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-broadband li appella għaliha l-Kunsill Ewropew tad-19-20 ta' Marzu; JAPPELLA lill-Kummissjoni, l-ESA u l-istati Membri tal-UE u l-ESA biex jikkunsidraw l-integrazzjoni tat-teknoloġiji tas-satellita fi proġetti tal-broadband futuri bil-ħsieb tal-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (EERP), waqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-kompetizzjoni miftuħa, in-newtralità tat-teknoloġija, u s-sistema tal-internet miftuħa u newtrali; u jkompili JIRRIKONOXXI l-ħtieġa biex jiġu esplorati approċċi innovattivi u sistemi għall-provista ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita ġenerali b'rispons għal talba istituzzjonali b'appoġġ għall-programmi u l-politiki Ewropej, inklużi t-trasport, l-enerġija² u s-sigurtà;
- JENFASIZZA li l-ispazju jista' jipprovdi kontribut sinifikanti għall-inizjattiva 'Fabbriki tal-Futur'³, kif ukoll prijoritajiet strateġiċi tal-EERP.

II) Dwar Operazzjonijiet Inizjali tal-GMES

JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-implimentazzjoni rapida tas-servizzi tal-GMES u JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Programm Ewropew għall-osservazzjoni tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013)⁴, li jimmira biex jitwettaq pass sinifikanti lejn Programm tal-GMES waqt li jiġi żgurat l-operat sostenibbli fuq perijodu fit-tul tas-servizzi tal-GMES, waqt li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' utenti nazzjonali u Ewropej, waqt li jiġu segwiti l-iżvilupp tal-aċċess għad-data dettaljat u politika ta' disseminazzjoni għal dawn is-servizzi⁵;

JENFASIZZA l-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li jagħti prijorità lill-finanzjament lill-operati tal-Komponent tal-Ispazju tal-GMES;

¹ 7201/09

² 7566/09

³ Imfassal biex jippermetti lill-industrija Ewropea biex tadatta għall-pressjonijiet kompetittivi globali permezz tat-titjib tal-bażi teknoloġika tal-manifattura tal-UE ma' firxa wiesgħa ta' setturi (http://ec.europa.eu/research/press/2009/pdf/ppp-fact-sheet_en.pdf)

⁴ 10285/09

⁵ Kif spjegat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): "Lejn Programm GMES" (16722/08)

JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-servizzi tal-GMES jingħataw fuq bażi kompetittiva, meta rilevanti, u li involviment adatt mill-SME ikun żgurat fil-proviżjoni tagħhom;

JENFASIZZA l-ħtieġa għal approċċ koerenti u komplementari għal skemi ta' finanzjament tas-servizzi GMES u d-data ta' osservazzjoni u l-infrastruttura implimentata permezz tat-Tema Tal-Ispazju tas-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni¹, ir-regolament propost dwar Programm ta' Operazzjonijiet Inizjali tal-GMES², il-Programm tal-Komponent tal-Ispazju tal-ESA tal-GMES u l-attivitajiet implimentati fil-livell ta' Stat Membru.

III) Dwar l-arranġamenti fuq perijodu fit-tul għall-Komponent tal-Ispazju GMES (GSC)

IFAKKAR fil-ħtieġa li jiġi definit, fil-livelli nazzjonali u Ewropej, approċċ għal finanzjament sostenibbli għall-Komponent tal-Ispazju tal-GMES ibbażat fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament ġenerali għal din l-infrastruttura, waqt li jieħu kont tat-tliet stadji suċċessivi: l-istadju ta' R&Ż li ser jiġi ffinanzjat minn appropjazzjonijiet ta' R&Ż, stadju ta' transizzjoni b'finanzjament imħallat ta' R&Ż, u stadju operattiv b'finanzjament dedikat għal operazzjonijiet li jinvolvu l-utenti; JENFASIZZA li x'uħud mill-elementi tal-Komponent tal-Ispazju tal-GMES qed jidhru fl-istadju operattiv u JILQA' l-fatt li, bl-adozzjoni tar-regolament dwar il-Programm ta' Operazzjonijiet Inizjali tal-GMES, il-finanzjament operattiv ikun introdott fil-GMES;

JIRRIKONOXXI l-ħtieġa tal-identifikazzjoni u l-iżgurar tal-finanzjament għall-elementi li jifdal tal-bini tal-GSC u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-ESA biex f'konsultazzjoni mal-UE u l-istati Membri tal-ESA jelaboraw strateġija ta' finanzjament għal dawn l-elementi, mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li jmiss;

Rigward l-osservazzjonijiet relatati mal-oċeanografija operattiva u l-monitoraġġ tal-kompożizzjoni atmosferika, waqt li jirrispetta r-rwol ta' koordinazzjoni ġenerali tal-ESA għall-Komponent tal-Ispazju tal-GMES, JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-ESA biex imexxu djalogu mal-UE u l-Istati Membri tal-ESA u mal-EUMETSTAT u l-istati Membri tiegħu, biex jesploraw l-għażliet għar-rwol tal-EUMETSTAT biex jikkoordinaw ir-reqwiziti tal-utenti għall-osservazzjonijiet tal-Ispazju;

¹ 2006/971/KE: "Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplementa s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sal-2013)", ĠU L 400/86 30.12.2006

² 10285/09

Fir-rigward tal-osservazzjonijiet relatati mal-monitoraġġ tal-art, ir-rispons ta' emerġenza u s-sigurtà, JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-ESA biex jesploraw l-għażliet għall-operazzjoni fuq perijodu fit-tul ta' missjonijiet rilevanti inkluż l-akkwist tad-data, permezz ta' bidu ta' djalogi, ibbażati fuq termini ta' referenza li jridu jiġu determinati wara konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE u tal-ESA, ma' daww l-istati Membri li għandhom l-infrastruttura, sabiex ikunu diskussi aspetti programmatiċi, ta' governanza u finanzjarji;

JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Kummissjoni u d-definizzjoni tal-ESA tal-politika dwar id-data, u s-sjieda ta', il-missjonijiet Sentinel b'konsistenza mad-direttiva INSPIRE¹ u d-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni dwar il-Programm tal-Komponent tal-Ispazju GMES tal-ESA approvat mill-Kunsill Ministerjali tal-ESA tal-2008;

JIEĦU NOTA tal-analiżi preliminarja li twettqet mill-ESA, b'mod partikolari ix-Xenarju fuq Perijodu fit-Tul tal-Komponent tal-Ispazju GMES², bħala bażi għall-istimi tal-evoluzzjoni u l-ispejjeż tal-Komponent tal-Ispazju GMES, JISTIEDEN LILL-ESA biex tikkonsolida din l-analiżi permezz ta' aktar konsultazzjoni mal-EUMETSAT u l-istati membri li għandhom l-infrastruttura sal-aħħar tal-2009, u JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li l-UE tistabbilixxi malajr strateġija baġitarja fuq perijodu fit-tul, fil-qafas tad-definizzjoni tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-UE li jmiss.

IV) Dwar l-esplorazzjoni tal-ispazju

JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa tal-aċċess għall-possibbiltajiet offruti mill-politiki tal-Unjoni Ewropea biex l-esplorazzjoni tal-ispazju tiddaħħal f'perspettiva politika usa' u, waqt li jirrikonoxxi li l-esplorazzjoni tal-ispazju għandha l-potenzjal li tipprovdi impatt prinċipali fuq l-innovazzjoni, JISTENNA B'INTERESS il-Konferenza Politika ta' Livell Għoli proposta mill-Kummissjoni dwar l-Esplorazzjoni tal-Ispazju, fuq il-bażi maqbula mill-Kunsill Spazju, bħala l-ewwel pass lejn l-elaborazzjoni f'waqtha ta' viżjoni politika sħiħa dwar "L-Ewropa u l-Esplorazzjoni" li tkopri strateġija/pjan direzzjonali fuq perijodu fit-tul u skema ta' kooperazzjoni.

¹ Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE)

² ESA/C(2009)36

V) Dwar strumenti adegwati u skemi ta' finanzjament

IFAKKAR il-ħtieġa li jiġu żviluppati strumenti u skemi ta' finanzjament adegwati tal-UE b'kont meħud tal-ispeċifitàt tas-settur tal-Ispazju (b'mod partikolari, id-daqs relattivament żgħir tas-suq tiegħu u d-dipendenza tiegħu fuq finanzjament/programmi pubbliċi), il-ħtieġa ta' tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tal-Ispazju u l-ħtieġa ta' involviment bilanċjat tal-kapaċitajiet fl-Ewropa, u jeżamina l-modalitajiet għal assoċjazzjoni sħiħa tal-istati membri kollha tal-ESA;

JILQA', f'dan il-kuntest, l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tmexxi studji fil-fond dwar dawn il-kwistjonijiet, li dwarhom qed tikkonsulta l-ESA u li r-riżultati ta' dan ser jipprovdu mbuttatura fil-ħidma ferm meħtieġa f'dan il-qasam, fil-qafas tad-definizzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li jmiss, u JINNOTA l-istedina tal-Kunsill tal-ESA fil-livell Ministerjali¹ lid-Direttur Ġenerali tiegħu biex jinbdew ir-riflessjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea u l-istati membri, bil-ħsieb li ssir analiżi komuni tar-regoli attwali għall-programmi konġunti ESA-UE."

* * *

Il-Presidenza Ċeka tal-UE esprimiet ir-rieda tagħha li torganizza u tospita Konferenza Internazzjonali ta' Livell Għoli dwar l-esplorazzjoni tal-Ispazju matul it-tieni nofs tal-2009 fi Praga, fil-qafas ta' inizjattiva konġunta tat-trio tal-Presidenzi tal-UE Franċiża, Ċeka u dik Svediża.

Il-Kunsill Spazju ħa nota tal-informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża dwar is-sitwazzjoni attwali tas-sħubija "GMES u l-Afrika" ([10294/1/09](#)).

* * *

F'Diċembru 2008, il-Kunsill Ewropew qabel dwar pjan ta' rilanċ għall-ekonomija Ewropea u appella għat-tnedija ta' pjan Ewropew għall-innovazzjoni, li għandu jinkludi wkoll teknoloġija spazjali u s-servizzi derivati minnha, bħala waħda mit-teknoloġija prinċipali tal-futur ([17271/08](#)).

Wara d-diskussjonijiet tal-esperti Ewropej fit-tħejjija għas-sitt Kunsill Spazju, tliet oqsma tat-teknoloġija spazjali jidhru li għandhom potenzjal innovattiv għoli: ix-xjenza tal-ispazju u l-esplorazzjoni; il-proċess għall-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi meħtieġa għall-mobilizzazzjoni awtonoma ta' attivitajiet u infrastrutturi fl-ispazju; u infrastrutturi u applikazzjonijiet tal-ispazju għall-kisba tal-oġġetti tal-UE fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża.

¹ ESA/C-M/CCVI/Res. 4 (Finali) 25.11.2009

Fir-rigward tas-servizzi bbażati fl-ispazju, il-proġetti Ewropej mudell Galileo u l-GMES, identifikati bħala l-ewwel prioritajiet għall-implimentazzjoni tal-programm Spazjali Ewropew, ser jgħidli opportunitajiet sinifikattivi għall-iżvilupp ta' servizzi u swieq ġodda u innovattivi fi tmiem il-proċess, kif antiċipat fil-5 Kunsill Spazju (li sar fis-26 ta' Settembru 2008, fi Brussell) fir-Risoluzzjoni tiegħu "Jitwettaq progress fil-Politika Spazjali Ewropea" ([13569/08](#)).

INFRASTRUTTURI EWROPEJ TAR-RIĊERKA

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar abbozz ta' regolament għall-istabbiliment ta' qafas legali applikabbli għal Konsorzju Ewropew għal Infrastruttura ta' Riċerka (ERIC), billi jsolvi l-kwistjonijiet pendenti prinċipali tad-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa għall-ERICs futuri.

Ir-regolament għandu l-għan li jipprovdi qafas legali Komunitarju mfassal sabiex jiffaċilita l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' faċilitajiet tar-riċerka ta' interess Ewropew bejn diversi stati membri, pajjiżi assoċjati u organizzazzjonijiet inter-governattivi. L-għan huwa li jkun hemm proċedura uniformi minflok is-sistema attwali bbażata fuq approċċi individwali għal kull infrastruttura tar-riċerka.

L-ERIC ser jinkludi mill-anqas tliet Stati Membri u jista' jinkludi pajjiżi assoċjati kwalifikati u pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi assoċjati kif ukoll organizzazzjonijiet intergovernattivi speċjalizzati.

L-abbozz ta' regolament, li huwa element tal-implimentazzjoni tal-Ispazju Ewropew tar-Riċerka, kien ippreżentat mill-Kummissjoni fil-25 ta' Lulju 2008, abbażi tal-Artikoli 171 u 172 tat-Trattat KE ([12259/08](#)).

**EVALWAZZJONI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-PROGRAMMI QAFAS
EWROPEJ TAR-RIĊERKA – *Konklużjonijiet tal-Kunsill***

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet ([9992/09](#)+ [9992/09](#) + *COR I*) u adotta l-konklużjonijiet imniżżla fi [9952/09](#).

**INFRASTRUTTURI TAR-RIĊERKA U D-DIMENSJONI REĠJONALI TAL-ISPAZJU
EWROPEW TAR-RIĊERKA – *Konklużjonijiet tal-Kunsill***

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"WAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar "politika futura Ewropea ta' appoġġ għar-riċerka" tas-26 ta' Novembru 2004¹;
- fil-green paper intitolata "Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda", adottata mill-Kummissjoni fl-4 ta' April 2007²;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Infrastrutturi ta' Riċerka fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka" tat-22 ta' Mejju 2007³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET)" tat-28 ta' Frar 2008⁴;

¹ 14687/04.

² 8322/07 + ADD 1.

³ 10055/1/07.

⁴ 6326/1/08.

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Infrastrutturi ta' Riċerka Ewropej u d-dimensjoni reġjonali tagħhom" tat-30 ta' Mejju 2008¹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' "Viżjoni 2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka" tat-2 ta' Diċembru 2008²;
- fil-Kunsilli Ewropej tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008 u tad-19 u l-20 ta' Marzu 2009³;

Il-Kunsill

1. JENFASIZZA li l-Ewropea teħtieġ tissokta bl-appoġġ għar-R&Ż u l-innovazzjoni fil-kriżi ekonomika attwali u li, b'mod partikolari l-investimenti nazzjonali fl-infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej għandhom jitħaffu, kif stabbilit fil-Pjan ta' Rilanċ Ekonomiku Ewropew. Dan mhux biss jiżgura benefiċċji għal kompetittività Ewropea fuq terminu qasir u twil iżda jstimola wkoll aktar żvilupp taż-ŻER u jgħin biex tinkiseb il-"ħames libertà" - il-moviment ħieles tal-għarfien;
2. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' infrastrutturi ta' riċerka eċċellenti, f'sit wieħed u mxerrda, fil-promozzjoni tal-iżvilupp tat-triangolu tal-għarfien u fit-trawwim tal-iżvilupp soċjo-ekonomiku u l-kompetittività tal-Ewropa u r-reġjuni tagħha, kif issottolinjat fil-konferenza "Infrastrutturi ta' Riċerka u d-Dimensjoni Reġjonali taż-ŻER" li seħħet fi Praga fl-24 u l-25 ta' Marzu 2009.
3. JILQA' l-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) dwar il-Pjan Direzzjonali aġġornat tal-2008, li aġixxa bħala katalist għal pjani direzzjonali nazzjonali u/jew programmi ta' riċerka f'bosta każijiet, u JAPPELLA lill-istati membri biex jamplifikaw l-isforzi tagħhom biex, fejn adatt, jimplimentawh f'perijodu ta' żmien realistiku.
4. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' infrastrutturi ta' riċerka, b'mod partikolari l-Faċilitajiet bejn Sħab Reġjonali, għal żvilupp aktar ibbilanċjat taż-ŻER u ċirkolazzjoni tal-imħuħ madwar l-Ewropa kollha, biex b'hekk tiġi promossa l-koeżjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, ITENNI s-sinifikat tal-prinċipju ta' eċċellenza u aċċess effettiv għall-faċilitajiet ta' riċerka ta' livell għoli lill-Komunità Ewropea għar-riċerka;

¹ 10220/08.
² 16767/08.
³ 17271/1/09 REV1.

5. JENFASIZZA l-importanza ta' infrastrutturi ta' riċerka għall-iżvilupp ta' riżorsi umani fir-riċerka u l-iżvilupp, b'benefiċċji speċjali għall-mobbiltà intersettorjali u l-involvement tal-industrija fil-proċess tal-edukar tar-riċerkaturi, u JISTIEDEN lill-istati membri biex jieħdu impenn fl-iżvilupp ta' attivitajiet ta' taħriġ speċjali bil-ħsieb li jlaqqgħu l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, l-infrastrutturi tar-riċerka u l-industrija.
6. JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Infrastrutturi tal-ICT għax-Xjenza elettronika"¹, li tpoġġi enfasi fuq l-importanza dejjem akbar tal-Infrastrutturi elettroniki għall-eċċellenza tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-operat effiċjenti ta' infrastrutturi ta' riċerka, u JISSOTTOLINJA li l-Infrastrutturi elettroniki huma fattur prinċipali biex tingħeleb il-frammentazzjoni u d-diviżjoni diġitali fl-Ewropa, bil-potenzjal tagħhom li jużaw is-setgħa kollettiva tar-riżorsi xjentifiċi Ewropej irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom.
7. JIRRIKONOXXI, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti tal-Infrastrutturi elettroniki u x-Xjenza elektronika għall-iżvilupp tal-futur taż-ŻER u l-ħtieġa li tiġi eżaminata ulterjorment il-kwistjoni fi żmien debitu, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikseb is-sostennibbiltà, il-konnettività globali, l-interoperabbiltà u l-użu mingħajr xkiel ta' Infrastrutturi elettroniki pan-Ewropej, u lill-istati membri biex jikkonsidraw ir-rwol tal-Infrastrutturi Elettroniki fil-pjani direzzjonali nazzjonali tagħhom u/jew programmi għall-infrastrutturi ta' riċerka.
8. JISTIEDEN lill-istati membri u lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-ESFRI biex fejn adatt:
 - jippromwovu aktar użu tal-għodod finanzjarji eżistenti, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali u l-istrumenti tal-BEI għall-bini, it-titjib jew il-manutenzjoni ta' infrastrutturi ta' riċerka, inklużi l-Faċilitajiet tas-Sħab Reġjonali;
 - f'dan il-kuntest, iħeġġu l-iżvilupp tal-infrastrutturi ta' riċerka, inkluża d-distribuzzjoni, b'mod li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bbilanċjata taż-ŻER, filwaqt li jiġi ppreservat il-prinċipju tal-eċċellenza xjentifika u jiġu żgurati l-aċċess effettiv;
 - jistabbilixxu u jsaħħu r-rabtiet bejn l-infrastrutturi ta' riċerka pan-Ewropej u nazzjonali;
 - janalizzaw ir-riżultati soċjo-ekonomiċi u l-kosteffettività ta' infrastrutturi ta' riċerka għar-reġjuni li jospitaw lilhom u l-Ewropa fl-intier tagħha, flimkien mal-identifikazzjoni ta' ostakoli possibbli għall-użu akbar tal-Fondi Strutturali.

¹ 7432/09.

9. JISTIEDEN lill-istati membri, f'konsultazzjoni mal-ESFRI biex:

- jiżviluppaw, b'mod partikolari, sett komuni ta' kriterji li jistgħu jintużaw biex tiġi vvalutata l-effiċjenza tal-infrastrutturi ta' riċerka fil-livell Ewropew;
- jiżviluppaw kriterji volontarji rilevanti għall-valutazzjoni tal-offerti qabel l-għażla tas-sit ta' infrastrutturi ta' riċerka kbar pan-Ewropej."

L-EWWEL PASSI LEJN IR-REALIZZAZZJONI TAL-VIŻJONI 2020 TAL-ISPAZZJU EWROPEW TAR-RIĊERKA - *Konklużjonijiet tal-Kunsill*

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet imniżżlin fid-dokument [9956/09](#).

AFFARIJJIET OĦRAJN

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

Abbozz ta' direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumatur

Il-Presidenza ppreżentat rapport ta' progress dwar id-diskussjonijiet li saru minn meta il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta f'Otturbu 2008 (10163/09).

Wara l-ewwel eżami tat-test, il-ħidma fil-korpi preparatorji tal-Kunsill ikkonċentrat fuq numru ta' aspetti ewlenin tal-proposta relatati mad-definizzjonijiet, il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u d-dritt tal-irtirar f'każ ta' kuntratti barra mill-istabbiliment u kuntratti li jsiru b'distanza.

Eżitu tal-laqgħa informali tal-Kunsill Kompetittività (Praga, 3-5 ta' Mejju 2009)

Il-President ta informazzjoni fil-qosor dwar l-eżitu tal-laqgħa informali tal-Ministri għall-kompetittività, fejn ġie diskuss it-"triangolu tal-għarfien", il-Viżjoni 2020 tal-Ispazju Ewropew tar-Riċerka u l-politika dwar ir-riżorsi umani fil-qasam tar-riċerka, u dwar il-futur tas-suq intern u l-programm għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-parti tiegħu fis-suq intern/l-parti tal-industrija.

Relazzjonijiet Ekonomiċi Trans-Atlantiċi

Il-Viċi President tal-Kummissjoni G. Verheugen u l-President tal-Kunsill infurmaw lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Transatlantiċi, b'mod partikolari l-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku u d-Djalogu Transatlantiku dwar in-Negożju.

Proġett Google

Il-Kunsill ħa nota dwar l-informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar il- "proġett "Google Books" (scanning ta' kotba fil-libreriji tal-Istati Uniti sabiex tkun stabbilita bażi tad-data abbażi ta' kopji diġitali) u l-implikazzjonijiet legali possibbli fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' dritt tal-awtur ([10221/09](#)).

Il-Kummissjoni ntalbet biex ttejjg valutazzjoni u tirrapporta lura fi żmien debitu.

Turiżmu u r-rwol tiegħu biex tingħeleb il-kriżi ekonomika

Id-delegazzjoni Griega ppreżentat ittra lill-Kunsill dwar il-kontribut pożittiv tat-turiżmu sabiex jgħin itaffi l-kriżi ekonomika attwali ([9900/09](#)).

Konferenza dwar il-futur tal-istrateġija ta' Lisbona (Budapest, 25 ta' Mejju 2009)

Id-delegazzjoni Ungeriża pprovdiet informazzjoni dwar l-eżitu tal-konferenza ([10286/09](#)).

Politika dwar l-innovazzjoni

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport ta' progress tal-Presidenza (([9369/09](#)) dwar attivitajiet kurrenti ta' innovazzjoni, abbażi tal-komunikazzjoni tal-2005 intitolata "Aktar Riċerka u Innovazzjoni – Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Strateġija Komuni" ([13606/05](#)) u l-Istrateġija Ewropea għall-Innovazzjoni approvata mill-Kunsill f'Diċembru 2006.

Karrieri aħjar u aktar mobbiltà: Sħubija Ewropea għar-riċerkaturi

Il-Kummissjoni u l-Presidenza infurmaw lill-Kunsill dwar il-progress li sar rigward il-pjani nazzjonali ta' azzjoni u r-riżultat tal-konferenza dwar il-mobbiltà tar-riċerkaturi organizzata mill-Presidenza Ċeka mis-27sada-29 ta' April 2009.

Minbarra li adotta l-konklużjonijiet dwar dan is-suġġett f'Settembru 2008, il-Kunsill stieden ukoll lill-Ministri Biltgen (Lussemburgu) u Gago (Portugall) biex jeżaminaw il-kwistjoni biex jiġu identifikati azzjonijiet prijoritarji bil-ħsieb tal-implimentazzjoni rapida u konkreta tal-oġġettivi tas-sħubija, kif ukoll sabiex jirriflettu dwar il-kunċett tal-istatus ta' riċerkatur Ewropew. Il-progress tal-Ministri ġie rappurtat lill-Kunsill ta' Diċembru 2008 ([10003/09](#)).

Komunikazzjoni dwar teknoloġiji ġodda u tal-ġejjieni

Il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni dwar "Inħarrku l-fruntieri fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) – strateġija għar-riċerka fit-teknoloġiji ġodda u tal-ġejjieni fl-Ewropa", li kienet adottata f'April 2009 ([9077/09](#)).

Assoċjazzjoni possibbli tar-Russja fi programmi qafas ta' riċerka tal-UE

Il-Kummissjoni rrappurtat dwar l-iżviluppi f'din il-kwistjoni. Il-Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja fi Brdo (Slovenja) fis-26 ta' Mejju 2008 ressaq espressjoni formali tar-Russja ta' interess għall-assoċjazzjoni fis-Seba' programm qafas ta' riċerka. In-negozjati għal ftehim ġdid UE-Russja kienu mnedija fis-summit UE-Russja fi Khanty Mansiisk f'Ġunju 2008.

Proġett Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) għall-fużjoni nukleari

Il-Kunsill kien infurmat mill-Kummissjoni rigward il-proġett ITER.

F'Diċembru 2008, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex iżommu infurmat regolarment dwar l-iżviluppi fil-proġett ([10342/09](#)).

Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill dwar l-iżvilupp fl-EIT.

Wara li fit-18 ta' Ġunju 2008 ntlaħaq ftehim dwar is-sede tal-EIT (li ser ikun f'Budapest, fl-Ungerija), inħatar il-Bord Amministrattiv u l-ewwel laqgħa tiegħu saret fil-ħarifa tal-2008. L-għażla u t-tnedija tal-ewwel Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs) (f'perijodu ta' tmintax-il xahar mill-ħatra tal-Bord Amministrattiv) hi mistennija li ssir fl-2009.

Konferenza 'Research Connection 2009'

Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-konferenza li saret fi Praga mis-7 sat-8 ta' Mejju 2009. Il-konferenza indirizzat kwistjonijiet bħalma huma kif wieħed jista' jipparteċipa fil-programmi ta' riċerka tal-UE, il-prijoritajiet tal-inizjattivi Ewropej għar-riċerka, speċjalment is-Seba' Programm Qafas, il-Fondi Strutturali u l-Programm dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni.

Strateġija għar-R&D u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-ICT fl-Ewropa: Ngħollu l-Mira

Il-Kummissjoni ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha, li ġiet adottata f'April 2009 ([7883/09](#)). Hija tippreżenta strateġija ta' riċerka u innovazzjoni fl-ICT sabiex tippermetti li l-Ewropa tmexxi l-iżviluppi fl-ICT, tappoġġa t-tkabbir ta' negozji ġodda u tagħmel użu aħjar mill-innovazzjonijiet fl-ICT sabiex jiġu indirizzati sfidi soċjo-ekonomiċi ewlenin.

Konferenza dwar is-sostenibbiltà: sfida ghar-riċerka Ewropea

Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-konferenza li saret fi Brussell, mis-26 sat-28 ta' Mejju 2009.

Prijoritajiet tal-Presidenza li jmiss tal-UE

Id-delegazzjoni Svediża tat ħarsa ġenerali lejn il-prijoritajiet għall-kompetittività u r-riċerka li ser jiġu indirizzati taħt il-Presidenza li jmiss tal-UE.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

RELAZZJONIJIET ESTERNI

Sitwazzjoni fiż-Żimbabwe - ittra lis-Segretarju Ġenerali tal-Grupp ta' Stati tal-AKP

Il-Kunsill approva tweġiba għall-ittra lis-Segretarju Ġenerali tal-grupp tal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifika (Stati AKP), fejn jappella għal appoġġ għad-djalogu bejn l-UE u l-gvern taż-Żimbabwe ([10044/09](#)).

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Awditur estern tal-bank ċentrali nazzjonali tal-Olanda

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova n-nomina tal-PricewaterhouseCoopers Accountants bħala l-awditur estern tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2008 sal-2011 ([8967/09](#), [8967/09 COR 1](#)).

SAJD

Applikazzjoni proviżorja tal-ftehim mal-Ginea dwar is-sajd

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Repubblika tal-Ginea mill-1 ta' Jannar 2009 ([7806/09](#)).

L-għan ta' din id-deċiżjoni huwa li tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti Komunitarji sakemm il-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd jidħol fis-seħħ.

F'Diċembru 2008, il-Komunità u r-Repubblika tal-Ginea inizjalaw Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi lis-sajjieda tal-UE b'opportunitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Ginea. Dan il-Ftehim il-ġdid, li ser jirrevoka l-Ftehim eżistenti konkluż bejn iż-żewġ partijiet f'Marzu 1983, għadu qed jistenna konklużjoni formali.

Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE li għandha tiġi adottata fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC).

L-UE tibqa' impenjata, f'konformità mal-oġġettivi ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd, li tipprevedi l-isfruttament sostenibbli tal-ispeċijiet irregolati mill-IATTC u biex timminimizza l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema marina. Hija ser tappoġġa wkoll, fejn adatt, l-adozzjoni mill-IATTC tal-azzjonijiet li ġejjin:

- miżuri stretti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd, bil-konsiderazzjoni tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli,
- miżuri sabiex ikun ikkontrollat l-isforz tas-sajd,
- miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza,
- miżuri għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU),
- sforzi kontinwati għall-modernizzazzjoni tal-IATTC.

Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tat-Tramuntana tal-Atlantiku

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE li għandha tiġi adottata fl-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tat-Tramuntana tal-Atlantiku (NASCO). B'segwitu għal din id-deċiżjoni u skont l-oġġettivi segwiti fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-UE ser tappoġġa b'mod partikolari l-adozzjoni ta' azzjonijiet min-NASCO immirati biex tkun żgurata s-sostenibbiltà għal perijodu fit-tul tar-riżorsi ta' salamun u b'kont meħud tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Barra minn hekk, l-UE ser tappoġġa applikazzjonijiet minn pajjiżi tas-sajd responsabbli għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni NASCO.

AGRIKOLTURA

Sfruttament u tqegħid fis-suq ta' ilmiġiet minerali naturali

Il-Kunsill adotta direttiva dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmiġiet minerali ([3695/08](#)), wara qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew. Id-direttiva l-ġdida għandha l-għan li tikkodifika d-Direttiva 80/777 u tagħmilha konformi mar-regoli ta' proċedura ġodda tal-kumitat.

TRASPORT**Konvenzjoni tad-Dwana dwar it-trasport internazzjonali ta' merkanzija**

Il-Kunsill iddeċieda li jippubblika, f'forma konsolidata, il-Konvenzjoni tad-Dwana dwar it-trasport internazzjonali ta' merkanzija tal-1975 kif emendata, għal finijiet ta' informazzjoni ([7563/3/09 REV3](#)).

SUO INTERN**Awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali***

Il-Kunsill adotta¹ direttiva li temenda żewġ direttivi dwar il-kodiċi Komunitarja relatata ma' prodotti mediċinali ([3713/08](#), [9542/09](#), [9542/09 ADDI REVI](#)), wara qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew. Id-direttiva l-ġdida għandha l-għan li tiżgura li l-prodotti mediċinali kollha jkunu suġġetti għall-istess kriterji għall-evalwazzjoni, l-approvazzjoni u t-trattament amministrattiv ta' varjazzjonijiet fil-proċess ta' produzzjoni, fl-imballaġġ jew fl-indirizz tal-manifattur.

AFFARIJET ISTITUZZJONALI**Proċedura regolatorja bi skrutinju -Atti leġislattivi f'kodeċizzjoni***

Il-Kunsill adotta regolament li jadatta numru ta' atti leġislattivi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju ([3734/08](#) + [9970/09](#), [9970/09 ADDI](#)), , wara qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew. Ir-regolament il-ġdid ikopri l-oqsma tal-intrapriża, l-ambjent, il-Eurostat, is-suq intern, is-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur, l-enerġija u t-trasport.

L-għan tal-proċedura regolatorja bi skrutinju huwa li jippermetti li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jagħmlu eżami effettiv u rapidu tal-proposti tal-Kummissjoni. F'konformità ma' din il-proċedura, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jopponu l-adozzjoni tal-att f'każijiet fejn il-proposta teċċedi s-setgħat implimentattivi, ma tkunx kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew ma tirrispettax is-sussidjarjetà jew il-proporzjonalità, jekk il-kumitat regolatorju preċedentement ikun appoġġa l-miżuri previsti mill-Kummissjoni.

Id-Deċiżjoni 2006/512 emendat id-Deċiżjoni 1999/468 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni. Hija introduċiet proċedura ġdida għal miżuri b'kamp ta' applikazzjoni ġenerali mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat f'konformità mal-proċedura ta' kodeċizzjoni.

¹ Id-delegazzjoni Ġermaniża astjeniet mill-votazzjoni.